



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Frar 2023
(OR. en)

5523/23

LIMITE

JAI 63
FREMP 10
EDUC 26
MIGR 30
SOC 40
ASILE 11
ANTIDISCRIM 10
COCON 7
COHOM 17
COPEN 19
DROIPEN 12

Fajls Interistituzzjonali:
2016/0062 (NLE)
2016/0063 (NLE)

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza
fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati
mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, l-ażil u n-non-refoulement**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 84 u l-Artikolu 78(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ ... [Jekk jogħġbok daħħal ir-referenza tal-ĠU] jew [Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)]

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") hija l-ewwel strument internazzjonali bl-għan li telimina l-vjolenza kontra n-nisa, inkluż il-bniet ta' taħt it-18-il sena, bħala kawża bażi ta' inugwaljanza persistenti bejn l-irġiel u n-nisa, billi twaqqaf qafas komprensiv ta' miżuri legali u politiċi għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u għall-protezzjoni u l-assistenza tal-vittmi ta' din il-vjolenza. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 2014. Skont l-Artikolu 75 tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tista' ssir Parti għall-Konvenzjoni.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2017/865¹ u (UE) 2017/866², il-Konvenzjoni ġiet iffirmata fit-13 ta' Ġunju 2017 fisem l-Unjoni fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u fir-rigward tal-ażil u n-non-refoulement, soġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/865 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 11).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/866 tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika fir-rigward tal-ażil u n-non-refoulement (ĠU L 131, 20.5.2017, p. 13).

- (3) Il-Konvenzjoni toħloq qafas legali komprensiv u pluridimensjonali għall-protezzjoni tan-nisa minn kull forma ta' vjolenza. Hija għandha l-għan li tipprevjeni, ittella' għall-prosekuzzjoni u telimina l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u l-vjolenza domestika. Hija tkopri firxa wiesgħa ta' miżuri, mill-ġbir tad-data u s-sensibilizzazzjoni għal miżuri legali dwar il-kriminalizzazzjoni ta' forom differenti ta' vjolenza kontra n-nisa. Hija tinkludi miżuri għall-protezzjoni ta' vittmi u l-forniment ta' servizzi ta' appoġġ, u tindirizza d-dimensjoni tal-vjolenza minħabba l-ġeneru f'materji ta' ażil u migrazzjoni. Il-Konvenzjoni tistabbilixxi mekkaniżmu speċifiku ta' monitoraġġ sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tagħha mill-Partijiet.
- (4) Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fisem l-Unjoni ser tikkontribwixxi għat-tweqqif tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-oqsma kollha, li hu objettiv u valur ċentrali tal-Unjoni li għandu jitwettaq fl-attivitajiet kollha tagħha f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-vjolenza kontra n-nisa mhijiex biss reat kriminali iżda hija wkoll ksur tad-drittijiet tal-bniedem u forma estrema ta' diskriminazzjoni, bl-għeruw f'inugwaljanzi bejn il-ġeneri u li tikkontribwixxi biex jibqgħu jsejtni u jissaħħu. Billi tikkommetti ruħha għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-Unjoni tikkonferma l-impenn tagħha għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa fit-territorju tagħha u globalment, u ssaħħa il-qafas legali sostanzjali eżistenti u l-azzjoni politika attwali tagħha fil-qasam tal-liġi proċedurali kriminali, li hu ta' rilevanza partikolari għan-nisa u l-bniet.

- (5) Il-Konvenzjoni tkopri materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u materji oħra li jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.
- (6) Jenħtieġ li l-Unjoni taderixxi mal-Konvenzjoni biss fir-rigward tal-materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, jiġifieri sa fejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Dan japplika, b'mod partikolari, għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u għad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni relatati mal-ażil u n-non-refoulement. L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom sal-punt li l-Konvenzjoni ma taffettwax regoli komuni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. L-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni fir-rigward ta' materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratifika tal-Konvenzjoni, dwar materji li jaqgħu fil-kompetenzi nazzjonali tagħhom.
- (7) Fl-istadju tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, l-Unjoni ser tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tagħha, filwaqt li l-Istati Membri li rratifikaw il-Konvenzjoni ser ikunu l-uniċi responsabbli għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni li jaqgħu fil-kompetenza nazzjonali tagħhom.

- (8) Il-bażijiet legali msemmija f'din id-Deċiżjoni jikkostitwixxu indikazzjoni rilevanti, tal-firxa tal-kompetenza tal-Unjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni, u tat-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.
- (9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u dwar l-ażil u n-non-refoulement sal-punt li dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu jaffettwaw regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Hija ma tikkonċernax l-istituzzjonijiet jew l-amministrazzjoni pubblika tal-Unjoni, li huma indirizzati permezz ta' deċiżjoni separata tal-Kunsill li għandha tiġi adottata b'mod parallel ma' din id-Deċiżjoni.
- (10) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

- (12) Il-Kunsill, l-Istati Membri li huma parti għall-Konvenzjoni, u l-Kummissjoni fasslu Kodiċi ta' Kondotta li jistabbilixxi l-arranġamenti interni rigward l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-Konvenzjoni ("Kodiċi ta' Kondotta"). Dawn l-arranġamenti jkopru, fost l-oħrajn, ir-rwol tal-Kummissjoni bħala entità ta' koordinazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għal materji li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Istati Membri u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'materji relatati mal-operazzjonijiet rispettivi tagħhom; il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ, inkluż ir-rappurtar lill-Grupp ta' Esperti dwar l-Azzjoni kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (GREVIO); il-parteċipazzjoni tal-Unjoni f'laqgħat mal-entitajiet maħluqa mill-Konvenzjoni, b'mod partikolari l-Kumitat tal-Partijiet imsemmi fl-Artikolu 67 tal-Konvenzjoni; l-istabbiliment ta' pożizzjonijiet tal-Unjoni, dawk komuni jew koordinati għal tali laqgħat; u l-kooperazzjoni mill-qrib f'dawn il-laqgħat, b'mod partikolari fir-rigward tal-arranġamenti ta' komunikazzjoni u votazzjoni. Il-Kodiċi ta' Kondotta huwa għalhekk maħsub bħala għodda Prattika u interna biex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jiksbu rappreżentanza esterna koerenti, komprensiva u unifikata fir-rigward tal-Konvenzjoni.
- (13) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi approvata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ("il-Konvenzjoni") hija b'dan approvata fisem l-Unjoni^{1*} fir-rigward ta' materji relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u l-ażil u n-non-refoulement, sa fejn dawn jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.
2. L-adeżjoni tal-Unjoni għall-Konvenzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tar-ratiffika tal-Konvenzjoni, dwar materji li jaqgħu fil-kompetenzi nazzjonali tagħhom.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiddepożitaw, fisem l-Unjoni, l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu 75(2) u (4) tal-Konvenzjoni.

¹ It-test tal-Konvenzjoni huwa ppubblikat fil-..... [daħħal ir-referenza tal-ĠU].

* Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokument ST 14868/16 ADD 01 għall-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż u d-dokument SN 1175/23 għall-Irlandiż.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha taġixxi bħala l-entità ta' koordinazzjoni tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u tissodisfa l-obbligi ta' rappurtar skont il-Kapitolu IX għal materji tal-Konvenzjoni li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni f'materji relatati mal-operazzjonijiet rispettivi tagħhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
